MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 185/2010

**A B 'gia C**

**-vs-**

**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'digriet tal-20 ta' Lulju 2010 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-assenti D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fil-5 ta' Gunju 2009, u minn liema ghaqda ma twieldu ebda tfal.

Illi l-partijiet kontendenti, jew min minnhom, taw il-kunsens taghhom ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva

taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, izda ghamlu dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-kunsens tal-partijiet kontendenti, jew min minnhom, ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghhom u jew b’anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-istess partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta intimata ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet tal-20 ta’ Lulju 2010 li permezz tieghu gew nominati Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi ta’ D B.

Rat ir-risposta guramentata tal-imsemmija kuraturi fejn dawn eccepew:

Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Il-Qorti tibda biex ittenni dak li hu ben stabbilit u cioe’ illi:

"*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe' li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega*" ("**Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Jannar, 2006).

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu fis-sena 2009. il-mara hija Maltija u r-ragel ta' nazzjonalita' Yugoslava. Iltaqghu meta r-ragel kien jahdem Malta fuq permess definit. Meta wasal biex jiskadilu l-permess ippropona z-zwieg. F'dan iz-zmien l-attrici kellha tmintax-il sena u kienet ilha tafu biss sitt xhur. Ghalkemm il-provi prodotti f'din il-kawza huma ftit, ma jibqa' fil-fehma tal-Qorti ebda dubbju li r-raguni ghalfejn sar iz-zwieg kienet biss l-iskadenza tal-VISA.

Omm l-attrici tghidilha espressament:

"*Nghid illi meta gew lura mis-safar kien ser jiskadi l-permess tieghu sabiex ikompli jghix u jahdem hawn Malta, u ghalhekk iddecidew li jinghaqdu fiz-zwieg.*"

Kif imbaghad zviluppat is-sitwazzjoni, ikompli jikkonferma li r-ragel qatt ma kellu ebda intenzjoni li jistabilixxi l-ghaqda ta' hajja u mhabba li tikkostitwixxi z-zwieg.

Fil-kamp ta' zwieg ta' konvenjenza, din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Jannar 1998 irriteniet hekk:

"*Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament*" ("**Miriam Ramadan**

**Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla).

Fid-dawl ta' dawn il-principji, din il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici rnexxielha tipprova dak li allegat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fil-5 ta' Gunju 2009 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jithallsu minn A B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------